See interpretation dated 26/8/83

TRIBUNAL INDUSTRIJALI

Decizjoni Nru 145

KAZ NRU 178

Fil-kwistjoni tax-xoghol
bejn
is-Sur Michael Xuereb
u
l-Malta Drydocks

dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta

Data: 5 ta' Awissu, 1983

Chairman: A Debono C.P.A.A.

B'ittra tal-20 ta' Jannar, 1982 l-Onorevoli Ministru tax-Xoghol u Servizzi Socjali irrefera lil dan it-Tribunal taht id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 28 (2) ta' l-Att Nru XXX ta' l-1976 il-kwistjoni tax-xoghol bejn il-partijiet fuq imsemmija. Dan il-kaz huwa dwar tkeccija tas-Sur Michael Xuereb minn mal Malta Drydocks, tkeccija li l-appellant jallega li kienet ingusta.

2. It-Tribunal zamm hames seduta li fihom l-appellant kien assistit mis-Sur Angelo Fenech u mis-Sur Anthony Busuttil, President u Segretarju tat-Taqsima tad-Drydocks (Metall) tal-General Workers' Union rispettivament, waqt li ghal Management tal-Malta Drydocks deher is-Sur Carmel Debono, Personnel Manager.

3. Statement of Case

Ghall-appellant - Is-Sur Anthony Busuttil issottometta li s-Sur Michael Xuereb, 'Electrical Fitter' li jahdem fl-Electrical Department, u jghix wahdu il-Furjana, nhar it-28 ta' Ottubru, 1981 kien garrab korriment li jikkonsisti f'"Contusion" u "Cuts" f'xuftejh t'isfel u ma marx ghax-xoghol. (Dan il-korriment ma garrbux id-Drydocks). L-appellant mar jirrapporta fl-Ghassa tal-Pulizzija biex jaghmel kemm ic-certifikat tan-National Insurance kif ukoll biex jirrapporta fl-Ispizerijja tat-Tarzna, li ma kienx jiflah imur ghax-xoghol.

.../2

Bejn il-11.30 a.m. u 12.30 p.m., is-Sur Xuereb mar ghand it-tabib privat tieghu il-Hamrun u meta rritorna id-dar, sab nota biex jirrapporta fl-Ispizerijja tat-Tarzna minhabba l-qtugh fil-paga. Meta mar l-Ispizerijja u spjegalu l-kaz, is-Sur H Pearsall qal lill-appellant biex jipproduci certifikat mit-tabib li hu, (is-Sur Xuereb) dak il-hin jigifieri bejn il-11.30 u 12.30 p.m., kien ghandu ghall-kura. L-ghada ic-certifikat rikjest gie pprezentat fl-Ispizerijja.

Is-Sur Xuereb dam barra mix-xoghol bis-Sick Leave ghal tlett tijiem u wara li rritorna ghax-xoghol u kienu ghaddew jumejn b'sorpriza rcieva ittra minn ghand il-Personnel Manager bid-data tat-3 ta' Novembru, 1981 fejn gie mgharraf li hu kien tkecca mix-xoghol; minghajr lanqas biss ma nhariglu "charge".

Is-Segretarju tat-Taqsima tal-Metall tal-General Workers' Union isostni li l-impieg tas-Sur Xuereb ma giex terminat ghal raguni gusta u ghamel emfasi li l-appellant gie mcahhad mill-principju fundamentali tad-drittijiet tal-bniedem cioe dak li jiddefendi ruhu.

Il-Union ikkonkludiet is-sottomissjonijiet taghha billi qalet li d-decizjoni tat-Tarzna li mxiet a bazi ta' l-avviz tad-9 ta' Jannar, 1980 (Assenza minhabba Mard) hi wahda zbaljata peress li dan mhux kaz ta' haddiem li abbuza repetutament mis-"Sick Leave".

Ghal dawn ir-ragunijiet u principji, il-Union talbet lit-Tribunal li s-Sur Xuereb jigi moghti lura l-impieg mid-data li tkecca u minghajr ma jitlef xejn mill-kundizzjonijiet tax-xoghol li hu kien igawdi qabel ma tkecca.

<u>Ghal Malta Drydocks</u> - Is-Sur C Debono ghal Management issottometta li "terms of remit" tal-General Workers' Union, Taqsima tad-Drydocks (Metall) f'isem is-Sur Michael Xuereb ma' jregux u anke jekk dan hu ammess, l-appellant kien gie ttrattat skond it-termini ta' policy generali stipulata mill-Kunsill tat-Tarzna applikabbli ghall-impjegati kollha tal-Malta Drydocks dwar l-abbuz tas-"Sick Leave". Is-Sur Xuereb kien gie mgharraf permezz

ta' ittra mill-Management bid-data ta' 9 ta' April, 1981, li Raprezentant tat-Tarzna ma sabux id-data meta mar izuru nhar it-Tlieta, 7 ta' April, 1981, meta dan suppost kien marid u mwissi li repetizzjoni tkun tfisser li jigi ssensjat skond l-avviz Generali (Policy) tad-9 ta' Jannar, 1980 dwar "Assenza minhabba Mard".

Fit-3 ta' Novembru, 1981 l-appellant gie mgharraf mill-Personnel Manager li ma kienx id-dar meta mar izuru t-tabib tat-Tarzna nhar l-Erbgha, 28 ta' Ottubru, 1981 u ghalhekk gie ssensjat skond il-"Policy" stabbilita u kif kien gie mwissi fl-ittra tad-9 ta' April, 1981.

Sussegwentament, it-Taqsima tad-Dockyard tal-General Workers' Union dahlet f'korrispondenza mal-Management tal-Malta Drydocks dwar is-sensja tas-Sur Xuereb.

B'ittra datata 8 ta' Dicembru, 1981, ic-Chairman tal-Kunsill tal-Malta Drydocks irrisponda lil General Workers Union li kien laqgha t-talba tat-Taqsima biex dawk il-haddiema li kienu tkeccew ghax abbuzaw mis-"Sick Leave" jigu mghotijja amnestija. B'konsegwenza ta' din l-amnestija b'ittra datata 21 ta' Dicembru, 1981, is-Sur Xuereb gie mgharraf biex jidhol ghax-xoghol nhar l-4 ta' Mejju, 1982.

Il-Management tal-Malta Drydocks ma' jistax jifhem kif il-kaz tas-Sur Xuereb fic-cirkostanzi msemmija inthalla jitqies taht it-termini ta' temm ta' mpieg ingust lit-Tribunal Industrijali.

Il-Management ma jidhirlux li t-Taqsima tal-Metall tal-General Workers' Union qatt kellha tirreferi il-kaz tas-Sur Xuereb lit-Tribunal Industrijali wara li l-Kunsill kien laqgha t-talba ta' l-istess Taqsima ghall-amnestija.

Il-Management issottometta li t-talba tat-Taqsima f'din ic-cirkostanza ma ghandiex tkun meqjusa li taqa' taht it-termini ta' temm ta' mpieg ingust, ghax id-decizjoni tal-Kunsill li jghati mahfra rrendiet it-talba inapplikabbli.

.../4

Ghaldaqstant, il-Malta Drydocks issottomettiet li s-Sur Xuereb ma ghandu l-ebda gustifikazzjoni li jghid li l-impieg tieghu kien gie terminat bhala ngust u ghalhekk talbet lit-Tribunal Industrijali li jirregetta t-talba tal-Union ghax hi bla bazi serja u gustifikazzjoni.

4. <u>Lista ta' Dokumenti Sottomessi</u>

i) Kopja tar-Regolamenti ta' Dixxiplina tal-Malta Drydocks

ii) Kopja ta' zewg Certifikati ta' Dr C Delicata M.D. datati 28.10.81

iii) Kopja ta' ittra tal-Malta Drydocks lis-Sur M Xuereb datata 3 ta' Novembru, 1981

iv) Kopja ta' ittra mis-Segretarju tat-Taqsima tad-Drydocks (Metall) tal-General Workers' Union lil Personnel Manager tal-Malta Drydocks datata 9 ta' Novembru, 1981

v) Kopja ta' ittra mill-Personnel Manager, Malta Drydocks lis-Segretarju, Taqsima tal-Metall datata 10 ta' Novembru, 1981

vi) Kopja ta' ittra mis-Segretarju, Taqsima tad-Drydocks (Metall) lil Personnel Manager, Malta Drydocks datata 11 ta' Novembru, 1981

vii) Kopja ta' ittra mill-Personnel Manager, Malta Drydocks lis-Segretarju, Taqsima tal-Metall datata 16 ta' Novembru 1981

viii) Kopja ta' ittra mis-Segretarju tat-Taqsima tad-Drydocks (Metall) lill-Personnel Manager datata 17 ta' Novembru, 1981

ix) Kopja ta' ittra mill-Personnel Manager tal-Malta Drydocks lis-Segretarju, Taqsima tal-Metall datata 19 ta' Novembru, 1981

x) Kopja ta' ittra mill-Personnel Manager tal-Malta Drydocks lis-Sur M Xuereb datata 9 ta' April, 1981

xi) Kopja ta' Avviz mahrug mill-Personnel Manager tal-Malta Drydocks datata 9 ta' Jannar, 1980 - Assenza minhabba mard

xii) Kopja ta' ittra mic-Chairman tal-Malta Drydocks lis-Segretarju Taqsima tad-Drydocks (Metall) tal-General Workers' Union datata 8 ta' Dicembru, 1981

xiii) Kopja ta' ittra mill-Personnel Manager lis-Sur M Xuereb datata 21 ta' Dicembru, 1981

xiv) Kopja ta' ittra mis-Segretarju, General Workers Union, Taqsima tad-Drydocks (Metall) lic-Chairman Malta Drydocks datata 22 ta' Dicembru, 1981

xv) Kopja ta' "Biljett" li jithalla d-dar ta' dawk l-impjegati li ma jinstabghux id-dar f'kaz ta' mard

xvi) Kopja ta' "Sickness Visits" Carried Out on Wednesday, 28th October, 1981 by Dr Laferla

xvii) Kopja tal-"Punch Card" tas-Sur Xuereb (6.11.81)

xviii) "Statement Showing Earnings of Chargeman Vincent Mallan's Gang"

xix) Record ta' mard tas-Sur Michael Xuereb:

A) Acknowledgement mill-Malta Drydocks to Sickness Request dated 28.10.81

B) Talba ghal-beneficcju ghal mard - First 28.10.81

C) Talba ghal-beneficcju ghal mard - Final 2.11.81

D) Acknowledgement mill-Malta Drydocks to Sickness Request dated 11.8.81

E) Talba ghal-beneficcju ghal mard - First 11.8.81

F) Talba ghal-beneficcju ghal mard - Final 13.8.81

G) Acknowledgement mill-Malta Drydocks to Sickness Request dated 8.10.81

H) Talba ghal-beneficcju ghal-mard - First 8.10.81

I) Talba ghal-beneficcju ghal-mard - Final 10.10.81

J) Acknowledgement mill-Malta Drydocks to Sickness Request dated 31.7.81

K) Talba ghal-beneficcju ghal mard - First 31.7.81

L) Talba ghal-beneficcju ghal mard - Final 3.8.81

M) Acknowledgement mill-Malta Drydocks to Sickness Request dated 24.7.81

N) Talba ghal-beneficcju ghal mard - First 24.7.81

O) Talba ghal-beneficcju ghal mard - Final 25.7.81

P) First - (To call at St Luke's Hospital - outpatient 22.7.81

Q) Final - 24.7.81 (Backdated)

R) Acknowledgement mill-Malta Drydocks to Sickness Request dated 22.2.81

S) Talba ghal-beneficcju ghal mard - First

T) Talba ghal-beneficcju ghal mard - Final

U) Acknowledgement mill-Malta Drydocks to Sickness Request dated 2.4.81

V) Talba ghal-beneficcju ghal mard - Rirst 2.4.81

W) Talba ghal-beneficcju ghal mard - Intermediate

X) Talba ghal-beneficcju ghal mard - Final 16.4.81

Y) Acknowledgement mill-Malta Drydocks to Sickness Request dated 10.2.81

Talba ghal beneficcju ghal mard - First 10.2.81
Talba ghal beneficcju ghal mard - Final 14.2.81

Z) Acknowledgement mill-Malta Drydocks to Sickness Request dated .......... Ref: 4413

Talba ghal beneficcju ghal mard - First 23.8.81
Talba ghal beneficcju ghal mard - Final 2.3.81

.../7

5. <u>Instemghu dawn ix-xhieda</u>

A. <u>Ghall-appellant</u>

Is-Sur Michael Xuereb - (l-appellant)

Is-Sur Paul Attard - Pay Office Manager

Is-Sur Henry Pearsall - Welfare Officer

Dr C Delicata M.D. - Tabib Privat

B. <u>Ghall-Kumpanija</u>

Dr A Laferla M.D. - Tabib tad-"Dockyard Employees Providend Fund"

Is-Sur F Spiteri - Chairman tal-Kunsill tal-Malta Drydocks.

6. <u>Xhieda fil-Qosor</u>

<u>Is-Sur Michael Xuereb</u> - li ilu jahdem id-Dockyard ghal dawn l-ahhar 31 sena minn jeddu xehed li nhar is-27 ta' Ottubru, 1981 fil-ghaxija kien involut f'incident u safa' b'xoftu ta' taht maqsuma; l-ghada fil-ghodu sebah b'xoftu minfuha u mar l-Ghassa biex jiccertifika ruhu marid, it-telefona id-Drydocks biex jinfurmhom li kien marid, u rritorna d-dar. Peress li aktar tard matul in-nofs ta' nhar ta' fil-ghaxija xoftu bdiet tiddemma, iddecieda li jerga' johrog biex imur ghand Dr C Delicata, it-tabib privat tieghu. Meta hu rritorna d-dar sab notifika (formola maghrufha bhala l-'Pink Card") li t-tabib tad-Dockyard kien mar izuru u ma kienx sabu d-dar.

L-appellant qabad u mar l-Ispizerijja tad-Dockyard u wara li kien spjega lis-Sur Pearsall x'kien gralu, is-Sur Pearsall qallu: "Ghamlilna certifikat li inti f'dak il-hin li qed issemmi kont ghand it-Tabib". Dik inhar fil-ghaxija rega' mar ghand it-Tabib, spjegalu l-kaz u Dr Delicata tah ic-certifikat li l-ghada hadu l-ispizerijja u s-Sur Pearsall qallu "All right".

Jumejn wara li dahal ghax-xoghol, is-Sur Xuereb ircieva l-ittra tas-sensja.

.../8

Is-Sur Xuereb ikkonferma li zmien qabel kien ircieva l-ittra minn ghand il-Management fejn kien gie mwissi li jekk ma' jinstaghabx id-dar (f'kaz ta' mard) jigi ssensjat u anke li kien ircieva wkoll kopja ta' l-Avviz rigward "Assenza minhabba Mard". L-appellant stqarr li jekk hu jkun verament marid ikollu jmur l-isptar ghaldarba hu jghix wahdu. Kull darba li rrapporta marid u t-tabib tad-Drydocks mar izuru dejjem sabu d-dar.

Ghal mistoqsija tal-Management, is-Sur Xuereb xehed li meta mar ghand it-tabib privat ma kienx hass il-htiega li jitolbu certifikat ghaliex fil-fatt kien diga bis-Sick Leave u peress li jghix wahdu bil-fors kellu johrog mid-dar; li gralu kien li ma' rrealizzax li kellu jerga jmur jittelefona l-Ispizerijja biex jinfurmhom li kellu bzonn johrog mid-dar biex imur ghand it-tabib.

Meta l-appellant rega xehed qal li hu kien ipprezenta iz-zewg certifikati lis-Sur Pearsall fl-ispizerijja. Meta pprezenta l-ewwel wiehed is-Sur Pearsall kien qallu "li jekk jista' jkun jekk taghmel il-hin ikun ahjar." Is-Sur Xuereb ikkonkluda ix-xhieda tieghu billi qal illi hu gie mkecci minghajr ma' nghata 'chance' li jidher quddiem il-Board tad-Dixxiplina.

<u>Is-Sur Paul Attard</u> - Pay Office Manager, spjega l-"Attendance Records" tas-Sur Xuereb u r-Regolamenti li jirrigwardjaw lil dawk li jkunu rrappurtaw morda.

<u>Is-Sur Henry Pearsall</u> - Welfare Officer, xehed li ghandu r-rapporti li jirrigwardjaw l-kaz tas-Sur Xuereb inkluz dak tat-tabib Laferla, li nhar it-28 ta' Ottubru, 1981 fil-12.15 p.m., kien mar id-dar tas-Sur Xuereb u ma sabux hemm.

Is-Sur Pearsall ma' setghax jiftakar x'qal lis-Sur Xuereb meta dan hadlu il-"Pink Card" ta' Dr Laferla pero' fil-kapacita tieghu ta' Welfare Officer seta qallu: "Issa se tidher quddiem il-Board u biex tidher il-Board irid ikollok evidenza. Ara giebli xi evidenza fejn kont": imbaghad nhar it-30 ta' Ottubru, 1981 l-appellant kien hadlu c-certifikat ta' Dr C Delicata li gie ittimbrat fuq wara: "Surgery - Welfare Office - 30th October, 1981".

Is-Sur Pearsall qal li hu qatt ma ra c-certifikat ta' Dr C Delicata li fuqu fih il-hin li s-Sur Xuereb kien mar il-Klinika tieghu.

Ix-xhud qal li nhar it-8 ta' Ottubru, 1981 meta s-Sur Xuereb kien irrapporta marid, hu kien avzah li kien ser johrog mid-dar biex imur l-Isptar; din l-okkazzjoni ma hijiex konnessa ma dik tat-28 ta' Ottubru.

Is-Sur Pearsall xehed li l-"Original" tal-photocopy tac-certifikat mediku mahrug minn Dr Delicata li gie sottomess lit-Tribunal mill-Union, hu qatt ma kien rah.

Dr C Delicata M.D. - it-tabib privat ta' l-appellant xehed li nhar it-28 ta' Ottubru, 1981 kien hareg zewg certifikati ghas-Sur Xuereb - l-ewwel wiehed kien tal-format li normalment johrog meta pazjent jattendi l-Ispizerijja u t-tieni wiehed kien jinkludi il-hin li s-Sur Xuereb kien attenda l-Ispizerijja ghaliex l-ewwel wiehed ma kienx sodisfacenti ghar-ragunijiet li kellu bzonn ghad-Drydocks. Dr Delicata kkonferma li z-zewg Certifikati li gew sottomessi lit-Tribunal kienu rilaxxjati minnu.

Dr A Laferla M.D. - it-tabib tal-Malta Drydocks xehed li hu kien mar biex jinvista lis-Sur Xuereb izda peress li meta habbat fuq il-bieb tad-dar tieghu hadd ma rrispondieh, kien hallielhu il-"Pink Form" "biex meta jigi u jinduna biha, jispjega lill-ispizerijja tad-Drydocks ghaliex ma kienu hemm u ghaliex it-tabib ma sabux".

Is-Sur Franco Spiteri - Chairman tal-Kunsill tal-Malta Drydocks, xehed li kien hemm certu abbuz mis-Sick Leave u dak iz-zmien il-Kunsill deherlu li biex dan l-abbuz seta' jigi kkontrollat, kellu jaddotta policy li meta wiehed jinqabad jabbuza, l-ewwel darba jigi mwissi u jekk jerga jirrepeti l-istess offiza jigi ssensjat. Ix-xhud kompla jghid li t-Taqsima tal-Union li naturalment din il-"policy" ikkoncernathom serjament dahlet f'diskussjonijiet li anke hu personali kien involut fihom sabiex jinstab mezz li filwaqt li jinzamm kontroll fuq l-abbuz tas-Sick Leave il-piena ma' tibqax daqshekk rigida fis-sens li wiehed ma jitkecciex il-barra meta jinqabad li jkun abbuza mis-Sick Leave wara it-tieni darba.

.../10

Is-sitwazzjoni tad-D.E.P.F. dak iz-zmien, kompla jghid ix-xhud, kienet tali li l-Kunsill kien ikkonsidrha bhala wahda dizastruza, per konsegwenza, sabiex ma jhallix is-sitwazzjoni titgharraq kien kostrett li jiehu passi effettivi li jservu ta' deterrent kontra l-abbuz tas-"Sick Leave".

Matul iz-zmien li dawk il-mizuri kienu jsehhu, il-Kunsill ma' setghax jibqa josserva il-procedura relattiva ghaliex dawn kienu mizuri fuq bazi temporanji sakemm tammeljora is-sitwazzjoni u jinholoq kontroll rigidu li jghati rizultat immedjat.

Fil-kontro ezami is-Sur Spiteri qal li t-Taqsima tal-General Workers' Union qatt ma accettat dawn il-mizuri li l-Kunsill irrikorra ghalihom f'din il-"policy" ikkoncernata.

<u>SOTTOMISSJONIJIET FINALI</u> (fil-qosor)

i <u>Is-Sur Anthony Busuttil ghall-appellant</u> issottometta li s-Sur Michael Xuereb tkecca mit-Tarzna ghaliex nhar it-28 ta' Ottubru, 1981 meta mar jarah it-tabib tat-Tarzna id-dar ma sabux hemm. Dak il-hin is-Sur Xuereb kien mar ghand it-Tabib tieghu privat, Dr Charles Delicata. Is-Sur Xuereb gie mcahhad mid-dritt li jiddifendi ruhu skond ir-Regolamenti ta' Dixxiplina miftehma bejn il-Management tad-Drydocks u t-Taqsima tad-Drydocks (Metall) tal-General Workers' Union.

Skond it-Regolament Nru 10 il-Personnel Manager ghandu jiddeciedi jekk jiehux passi dixxiplinarji; skond ir-Regolament Nru 11 il-haddiem ghandu jigi notifikat b'charge bil-miktub u skond Regolament Nru 12 il-kaz imbaghad jigi referit lill-Bord tad-Dixxiplina mqabbad "ad hoc" skond Regolament Nru 14. Din il-procedura torbot lill-impjegati tad-Drydocks u lill Management l-istess u tifforma parti mill-kundizzjonijiet ta' l-impieg fid-Drydocks. Ghalhekk trid bil-fors tigi segwita u jekk ma tigix, kull pass li jittiehed mhux skond din il-procedura huwa ksur tal-kundizzjonijiet ta' l-impieg, u dak il-pass ikun gie mehud hazin, u ghandu jitwarrab qiesu ma ttehidtx. Kemm il-Kunsill tad-Drydocks kif ukoll il-Management jaqblu li din il-procedura stabbilita fir-

Regolamenti tad-Dixxiplina fil-kaz tas-Sur Xuereb ma' gietx segwita; l-appellant gie mcahhad ukoll mid-dritt li jappella mid-decizzjoni ta' l-ewwel Board tad-Dixxiplina, skond ir-Regolament Nru 28.

Is-Sur Busuttil ghamel referenza ghax-xhieda tac-Chairman tal-Kunsill tad-Drydocks, li l-General Workers' Union qatt ma accettat il-procedura tat-tkeccija segwita mill-Management fil-kaz tas-Sur Xuereb.

L-Avviz Generali tad-9 ta' Jannar, 1980 mahrug mill-Management tad-Drydocks, jirreferi ghal abbuzi repetuti ta' Sick Leave bi hlas li jesponi lill-haddiem ghal passi dixxiplinarji, inkluza sensja. Izda fil-kaz tas-Sur Xuereb ma kienx hemm abbuzi repetuti.

Kif jidher mill-ittra tas-6 ta' Frar, 1980 mibghuta mit-Taqsima lill-Management, it-Taqsima ma qablitx mall-pass ta' tkeccija mill-impieg, izda biss tkeccija minn Membru tad-Drydocks, Employees Provident Fund. Is-Sur Busuttil, fis-sottomissjonijiet tieghu kompla jghid li mix-xhieda ta' l-appellant u tat-tabib Charles Delicata rrizulta li ma kien hemm ebda element ta' abbuz ta' Sick Leave, tant li l-Management ma gieb ebda prova kontrihom. Ic-certifikat tat-Tabib Delicata li kkonfermah bil-gurament, b'ebda mod ma gie ddubitat.

Ta min jinnota kompla jghid is-Sur Busuttil,illi meta s-Sur Xuereb sab il-Pink Card taht il-bieb, huwa minnufieh mar it-Tarzna u sab lil Mr Harry Pearsall (Welfare Officer) fl-ufficcju tieghu fl-Ispizerijja, li qal lill-appellant biex igib evidenza ta' fejn kien dak il-hin li mar ghandu it-tabib tat-Tarzna Dr Laferla.

Kull darba li s-Sur Xuereb ma marx ghax-xoghol min habba mard, huwa dejjem thallas, li fil-fatt ifisser li l-Management stess dejjem approva l-mard tieghu.

Mid-dokumenti li esebixxa s-Sur Paul Attard irrizulta li t-tlett ijiem tal-mard li s-Sur Xuereb dam barra, l-ewwel kienu mnizzla "sick" imbaghad gew mibdula ghal "Absent".

Ghaldaqstant, is-Sur Busuttil talab lit-Tribunal li s-Sur Xuereb ghandu jigi reintegrat fl-impieg li kellu meta gie mkecci, bl-istess kundizzjonijiet li kellu, minghajr telf ta' servizz u bi hlas tal-paga u l-beneficcji l-ohra (ta' madwar £M1,500) li huwa tilef minhabba t-tkeccija ngusta.

ii <u>Is-Sur C Debono ghal Malta Drydocks</u> qal fil-qosor li certi referenzi li ghamel ghalihom l-appellant fl-istatement of case huma nkorretti u zgwidanti ghar-raguni li s-Sur Xuereb f'okkazzjoni ohra cioe' fis-7 ta' April, 1981, it-tabib tat-Tarzna mar izur lis-Sur Xuereb id-dar u ma kienx sabu hemm.

Il-procedura li ntuzat fil-kaz ta' l-Appellant kienet normali u stabbilita ghax dan gie konfermat fix-xhieda tac-Chairman tat-Tarzna. L-appellant ma giex imcahhad id-dritt li jiddefendi ruhu, ghax kieku xi skop kien ikollha it-Taqsima li tidhol f'korrespondenza u raprezantazzjonijiet lill Personnel Manager fuq il-kaz ikkoncernat. Il-Management deherlu li ma kienx hemm in-necessita' li johrog "charge" lis-Sur Xuereb, ghaliex fost ragunijiet ohra, il-procedura dwar l-abbuz tas-"Sick Leave" kienet regolata mill-Avviz Generali tad-9 ta' Jannar, 1980.

Il-procedura fuq l-abbuz tas-Sick Leave, kompla jghid il-Management kienet saret bi qbil mal-Union.

Is-Sur Xuereb b'ebda mod ma' ggustifika in-nuqqas tieghu li qabel ma mar ghand it-Tabib privat, ma avzax it-Tarzna kif suppost li ghamel, u li fil-fatt kien ghamel bosta drabi ohra.

Is-Sur Xuereb kien konxju ta' l-obbligu li kellu li javza t-Tarzna qabel ma mar ghand Dr Delicata.

Il-Management kompla jghid fis-Sottomissjonijiet tieghu, li dan il-kaz m'hux wiehed ta' tkeccija ngusta ghaliex l-avvenimenti sussegwenti tal-mahfra u bdil f'sospenzjoni jirrendu t-tkeccija inutili. Hemm dubbju serju kemm u liema certifikati tat-Tabib Delicata, is-Sur Xuereb ipprezenta lis-Sur Henry Pearsall. Il-Management isostni li certifikat wiehed kien gie pprezentat dak li skond ix-xhieda tas-Sur Pearsall kien ipprezentalu fit-30 ta' April, 1981 jigifieri jumejn wara li mar izuru t-Tabib tat-Tarzna.

Il-kaz tas-Sur Xuereb, apparti l-aspetti individwali specifici tieghu, irid ukoll jitqies fil-kwadru u fi sfond aktar serju ta' riperkussjonijiet ferm serji u gravi dwar il-kontrol tas-Sick Leave fit-Tarzna. Ghaldaqstant, il-Management tal-Malta Drydocks issottometta li s-Sur Xuereb ma ghandu ebda gustifikazzjoni li jghid li l-impieg tieghu kien gie terminat ingustament u ghalhekk il-Management jikkonferma t-talba tieghu lit-Tribunal biex jirrigetta t-talba kollha kemm hi, ghax hija bla gustifikazzjoni.

KONSIDERAZZJONIJIET

It-Tribunal irid jiddeciedi jekk it-tkeccija tas-Sur Michael Xuereb f'Novembru, 1981 mill-impieg tieghu mall-Malta Drydocks, (ghalkemm dan, permezz ta' AMNESTIJA rega' gie moghti l-impieg lura sitt xhur wara), kienetx ingusta, jigifieri jekk it-tkeccija mill-impieg kienetx ghar-raguni gusta u sufficjenti skond il-Ligi.

Il-Personnel Manager, nhar id-9 ta' Jannar, 1980 kien hareg Avviz "Assenza Minhabba Mard" lill-impjegati kollha, fejn fakkarhom li huwa mehtieg li josservaw il-procedura rigward assenza minhabba l-mard. L-aktar parti relevanti ta' dan l-Avviz ghal dak li jirrigwardja l-kaz li ghandu quddiemu dan it-Tribunal huwa punt Numru 5: "jekk matul il-perjodu ta' mard, il-pazjent irid izur it-tabib tieghu jew l-isptar, ghandu jinforma l-Ispizerijja gurnata qabel". L-istess avviz ikompli jghid li "jekk il-marid ma jimxix skond din il-procedura ma jkollux dritt ghall-hlas. Barra minn hekk, jekk it-Tabib jew il-Welfare Officer ma jsibx il-marid id-dar, bl-eccezzjoni tal-kundizzjoni Numru 5 hawn fuq, dan ma jithallasx minn dik il-gurnata sa kemm idum marid."

"Il-Management jgharaf li f'kaz fejn l-individwu jinstab li qieghed jabbuza ripetutament is-sick leave bil-hlas, dan ikun suggett ghal passi dixxiplinarji, inkluza s-sensja".

Ir-Regolamenti ta' Dixxiplina tal-Malta Drydocks -

L-Ewwel Parti - Principji Generali, jghidu:

.../14

"3. Hemm obbligu min-naha ta' l-impjegat li jgib ruhu b'mod ragonevoli, li josserva r-regoli u l-ftehim maghmul bejn il-Management u l-Union u li jwettaq mill-ahjar li jista' l-ordnijiet legittimi tas-superjuri tieghu."

"4. L-impjegati kollha tal-Malta Drydocks huma ntitolati ghal gustizzja u ghandhom dritt ghal appell permezz ta' l-istadji miftehma ta' awtorita kif hemm stipulat f'dawn ir-Regolamenti."

Skond it-Tieni Parti (Klassifika ta' Offizi) ta' l-istess Regolamenti ta' Dixxiplina, l-Abbuz tas-Sick Leave jaqa' taht Regolament Numru 6 (A) Grupp 1.(iv). Skond it-Tielet Parti (Provvedimenti Dwar Grupp 1) Regolamenti Numri 10 u 11, hekk jigi deciz li ghandhom jittiehdu passi dixxiplinarji l-impjegat ikkoncernat ghandu jigi notifikat b'charge bil-miktub.

Mix-xhieda u Dokumenti sottomessi, irrizulta li s-Sur Xuereb nhar it-28 ta' Ottubru, 1981 irraporta marid u dak in-nhar stess ghal habta ta' 12.15 hrs mar Dr A Laferla, it-tabib tal-D.E.P.F. biex jinvistah id-dar tieghu il-Furjana, izda ma sabux hemm. It-tabib privat ta' l-appellant Dr C Delicata li kien ezaminah fil-klinika tieghu il-Hamrun, irrilaxxja zewg certifikati - l-ewwel wiehed id-datat 28 ta' Ottubru, 1981 li jghid: "The patient attended my clinic this morning. He was suffering from contusions and cuts on his lower lip", u t-tieni wiehed li huwa wkoll id-datat 28 ta' Ottubru, 1981 jghid: "This patient attended my clinic this morning between 11.30 a.m., and 12.30 p.m. suffering from contusions and cuts on his lower lip". Wiehed mill-"misteri" ta' dan il-kaz hu, li l-<u>Original</u> tal-photocopy tat-tieni Certifikat ta' Dr Delicata li gie sottomess mill-Union, ma giex esebit lit-Tribunal la mill-Welfare Officer li pproduca l-<u>Original</u> ta' l-ewwel Certifikat u lanqas mill-Union jew l-Appellant; fil-waqt li l-Appellant qal li hu kien tah lill-Welfare Officer, dan ta' l-ahhar qal li hu qatt ma rah.

L-Appellant kien konxju li kien obbligat li jirraporta l-Ispizerijja tad-Drydocks qabel ma jmur ghand it-tabib privat, izda dan ma ghamlux ghaliex "ma gienhiex f'mohhi li mmur incempel".

Il-htiega tal-hrug ta' l-Avviz tad-9 ta' Jannar, 1980, kien bla dubbju ta' xejn essenzjali biex irazzan abbuzi tas-Sick Leave, ghaliex l-abbuz kien lahaq livell allarmanti u dizastruz; allura kif xehed ic-Chairman tal-Kunsill tal-Malta Drydocks, wiehed ried jiehu azzjoni effettiva, minghajr ma joqghod ihares lejn il-proceduri, u zied jghid; "imma jiehu azzjoni (il-Kunsill tat-Tarzna) bl-iskop li jwaqqaf, u meta s-sitwazzjoni tigi ghan-normal jergghu jikkunsidraw s-sitwazzjoni. Allura jien nghid li filwaqt li kellna procedura u wiehed seta, imma ghal dan is-sistema tghajjarniha min nofs. Fil-fatt ir-ragel gie nqabad l-ewwel darba u ha notice u meta gie maqbud it-tieni darba gie moghti n-notice of discharge . Fil-fatt nista' nghid ukoll li mmedjatament li l-affarijiet bdew jinpruvjaw u flimkien ma shabna - naturalment dan ix-xoghol tal-Union li jippressaw biex is-sitwazzjoni tirranga ruhha - malli s-sitwazzjoni bdiet timpruvja ruhha ahna konna lesti li nibdew nilqghu modifikazzjonijiet biex l-affarijiet jibdew isiru aktar hfief, ma jibqghux tqal kif kienu bid-decizjoni originali tal-Kunsill."

Is-Sur France Spiteri ikkonferma li l-Union qatt ma kienet accettat,il-Policy dwar dawk li jabbuzaw mis-Sick Leave, cioe, li f'kazi ta' tieni offiza dan jigi imkecci. Dan ifisser li t-Taqsima tal-G.W.U. qatt ma kienet qablet mall-mizuri tal-Malta Drydocks li kien hareg nhar id-9 ta' Jannar, 1980 tant hu hekk li rrizulta minn Dokumenti li gew sottomessi f'dan ir-rigward, li wara certu zmien, dawk il-mizuri ta' dixxiplina gew reveduti b'mod accettabli ghaz-zewg partijiet.

Ghaldaqstant, it-Tribunal wasal ghal konkluzzjoni illi dawk il-mizuri ma kellhomx jigu implimentati qabel ma ntlahaq ftehim mas-Sezzjoni tal-Metal tal-G.W.U., ghaliex fic-cirkustanzi (minghajr pregudizzju ghal prerogattiva tal-"Management's Right to Manage") din l-azzjoni tal-Management marret kontra l-ispirtu tal-Artikolu tar-Regolamenti ta' Dixxiplina li kienu gew miftehma bejn iz-zewg partijiet koncernati f'April, 1980.

.../16

Is-Sick Leave Records ta' l-Appellant ta' matul is-sena 1981 ma kienu ta' ebda konfort ghal Management anzi ghal kuntrarju attiraw suspetti fuq l-Appellant; izda galadarba l-assenza giet iccertifikata minn Tabib, minn barra fl-okkazzjoni tas-7 ta' April, 1981, meta l-appellant gie mwissi (permess ta' ittra li ggib id-data tad-9 ta' April, 1981) allura l-Management sab ruhu f'dilemma x'azzjoni ghandu jiehu.

Ghalkemm it-tabib tat-Tarzna, Dr A Laferla ma' sabx lis-Sur Xuereb id-dar nhar it-28 ta' Ottubru, 1981, dan mhux bilfors ifisser li hu kien abbuza mis-Sick Leave, galadarba Dr C Delicata, it-tabib privat tieghu, ic-certifika u xehed li l-Appellant nhar it-28 ta' Ottubru, 1981 ghal habta ta' nofs in-nhar kien fil-Klinika tieghu; pero l-Appellant b'dan kollu naqas serjament mill-obbligazzjonijiet tieghu meta ma nfurmax it-Tarzna li kien sejjer ghand it-Tabib Privat.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal ma' jistax jasal ghal konkluzzjoni li l-Appellant kien abbuza ripetutament mis-Sick Leave, li kienet l-offiza li skond l-Avviz tad-9 ta' Jannar, 1980, wiehed seta' jigi suggett ghal penal ta' tkeccija, li kieku ghas-sahha ta' l-argument il-policy tad-9 ta' Jannar, 1980 kienet accettabli mill-Union.

AWARD

It-Tribunal jiddecidi li t-tkeccija tas-Sur Michael Xuereb mill-Malta Drydocks ma kienitx ghal raguni gusta u sufficenti.

Minhabba certi nuqqasijiet minn naha ta' l-appellant, il-Management tal-Malta Drydocks mhux obbligat li jaghti ebda kumpens finanzjarju ghall matul iz-zmien li dan ghamel barra mix-xoghol, hlief ghal xi pagamenti li jistgha jkollu dritt ghalihom taht il-ligijiet tas-Sigurta Nazzjonali u l-Att tal-1952 li jirregola l-Kondizzjonijiet ta' l-impieg.

Finalment, it-Tribunal irid jesprimi l-apprezzament tieghu ghal-mod ta' kif instabet soluzzjoni accettabbli bejn l-Awtoritajiet tal-Malta Drydocks u l-General Workers' Union li permezz ta' amnestija, is-Sur Michael Xuereb rega' dahal ghax-xoghol sitt xhur wara t-tkeccija.

B'hekk it-Tribunal itemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

ANTHONY DEBONO
Chairman

A. BARTOLO PARNIS
Segretarju